Folju ta' Aħbarijiet

il-kunsill nazzjonali tal-ktieb

# Ittra lil Membri Parlamentari Ewropej

Il-KNK kiteb lil għadd ta' Membri Parlamentari Ewropej Maltin biex jagħmlu enfażi biex l-Unjoni Ewropea tagħti sostenn konkret u kontinwu lill-ilsna żgħar bħal tagħna sabiex mhux biss jibqgħu jeżistu iżda wkoll jissaħħu.

Bħalissa, l-aċċenn tal-Ewropa fejn jidħlu l-ilsna huwa tista' tgħid kollu fuq il-multilingwiżmu, u l-programmi kollha huma msejsa fuq parteċipazzjoni fuq livelli skolastiċi u fuq kollaborazzjoni bejn stati membri.



Il-Kunsill spjega li bl-ispejjeż dejjem jogħlew u b'udjenza pjuttost statika, huwa prevedibbli li l-pubblikaturi lokali sejrin jieħdu anqas u anqas riskji, u dan sejjer ifisser li l-kittieba Maltin mhux se jsibu wisq bibien miftuħa jekk l-affarijiet ma jinbidlux.

Il-KNK qed jargumenta li kieku l-Unjoni Ewropea għandha xi programm li jgħin istituzzjoni bħal tagħna, inkunu nistgħu nifitħu kapitlu ġdid ta' ħidma.

Din l-ittra ntbagħtet lil Dr Simon Busuttil u lis-Sur Louis Grech bħala kapijiet rispettivi tar-rappreżentanti Maltin.

# Sejħa lill-Awturi

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb qed jistieden lill-awturi u lill-pubblikaturi biex jgħinuna naġġornaw id-*databse* ta' xogħol Malti ppubblikat b'lingwi oħrajn kemm f'Malta kif ukoll barra.

Napprezzaw l-għajnuna ta' kulħadd.

Nixtiequ li din id-database tkun wiesgħa biżżejjed biex tkun kompleta kemm jista' jkun ħalli tagħti stampa sħiħa tas-sitwazzjoni.

# Konkors Letteratura għaż-Żgħażagħ

Dawk kollha interessati li jieħdu sehem fil-konkors imsemmi li qed ikun organizzat mis-Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jistgħu jiksbu kopja tar-regolamenti minn info@ktieb.org.mt.

Segretarjat Parlamentari għaż-Żgħażagħ u Sport

Xtaqna nispeċifikaw, għax kien hemm fehem ħażin, li l-parteċipazzjoni hi miftuħa għal kulħadd u mhux għaż-żgħażagħ biss, imma l-kitba trid tkun għaż-żgħażagħ.

# Premju Nazzjonali tal-Ktieb

**Infakkru li fadal sat-8 ta' Awwissu 2009, f'nofsinhar, biex il-pubblikaturi, il-kittieba u dawk kollha interessati jissottomettu l-kotba tagħhom għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2009 Kotba 2008.**

**Il-parteċipanti għandhom jibagħtu erba' kopji tal-kotba għal kull entratura.**

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb iżomm id-dritt li ma jagħtix il-premju jew għotja jekk il-membri tal-Ġuriji rispettivi jidhrilhom li xi xogħol ma jilħaqx il-livell mixtieq.**

**Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jirriserva d-dritt li jibdel il-kategorija indikata mill-awturi u/jew pubblikaturi jekk, fl-opinjoni tal-ġurija mqabbda mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għal dan il-għan, ix-xogħol ikun iddaħħal fil-kategorija żbaljata mill-parteċipant. F'dan il-każ il-parteċipanti jiġu infurmati.**

# Mużew tal-Istampar



Il-KNK qed jistħarreġ il-possiblità li pajjiżna jkollu mużew tal-istampar.

Filfatt twaqqaf kumitat fi ħdan il-Kunsill magħmul minn Dr William Zammit bħala ċermen, Dr Sergio Portelli, Dr J. F. Grima, Giorgio Peresso u Sergio Grech biex ikun imħejji rapport dwar dan. L-għan tas-sotto-kumitat mhux li jwaqqaf il-mużew, imma jara x'hawn f'Malta bl-għan li għada pitgħada, jekk l-awtoritajiet jaqblu, ikollna mużew modern u edukattiv għal din is-sengħa hekk sabiħa u ta' importanza għas-soċjetà dinjija.

# Baġit 2001

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ippreżenta t-talbiet tiegħu lill-Ministeru tal-Finanzi għall-Baġit 2010 bl-għan li jkompli jkabbar il-ħidma tiegħu b'rizq il-ktieb f'pajjiżna.

Nafu li l-amministrazzjoni tal-pajjiż għandha għal qalbha l-kultura, għalhekk nittamaw għal reazzjoni tajba.

# Mid-Djarju tal-KNK

1 ta' Lulju 2009 – Sergio Grech intervistat fuq l-RTK minn Sonya Young dwar diversi ħidmiet tal-KNK.
2 ta' Lulju 2009 – L-ewwel powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar jitqassam fuq il-mailshot tal-gov.mt.
2 ta' Lulju 2009 – Delegazzjoni tal-KNK tattendi għat-tnedija tad-Dictionary of Maltese Biographies ta' Michael J. Schiavone li saret fil-Berġa ta' Kastilja.
3 ta' Lulju 2009 – Joħroġ il-Folju 80.
5 ta' Lulju 2009 – L-ewwel powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar jidher f'il-mument.
5 ta' Lulju 2009 – L-ewwel powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar jidher f'The Malta Independent on Sunday.
5 ta' Lulju 2009 – Regolamenti tal-Konkors għall-Letteratura Żagħżagħ jidhru f'It-Torċa.
8 ta' Lulju 2009 – Ippubblikat il-Folju 81.
8 ta' Lulju 2009 – Imniedi l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2009 – Kotba 2008.
8 ta' Lulju 2009 – www.maltamedia.com tinforma dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2009 – Kotba 2008.
8 ta' Lulju 2009 – Jiltaqa' s-sotto-kumitat Mużew tal-Istampar immexxi minn Dr William Zammit.
9 ta' Lulju 2009 – Folju 81 jitpoġġa fuq l-intranet.gov.mt.
11 ta' Lulju Il-Ġensillum tippubblika l-ewwel powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar.
11 ta' Lulju 2009 – Sergio Grech intervistat f' Il-Ġensillum dwar Liġi għall-Ktieb Malti.
11 ta' Lulju 2009 – Ippubblikat it-Tieni powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar.
12 ta' Lulju 2009 – It-Tieni powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar jidher f'www.maltamedia.com.
12 ta' Lulju 2009 – Tagħrif dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb f'It-Torċa.
12 ta' Lulju 2009 – Servizz fuq il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fuq Illum.
12 ta' Lulju 2009 – Intervista ma' Ġorġ Mallia f'Illum dwar bidliet għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.
12 ta' Lulju 2009 – Illum tippubblika tagħrif dwar ħidma bejn KNK u l-Kunsilli Lokali.
13 ta' Lulju 20089 Sergio Grech intervistat minn Joyce Gulliamier fil-programm Priżma fuq Campus FM dwar diversi ħidmiet tal-KNK.
13 ta' Lulju 2009 – Sergio Grech intervistat minn Susan Mulvaneyfil-programm Inwar fuq Radju Malta dwar diversi ħidmiet tal-KNK.
13 ta' Lulju 2009 – Sergio Grech intervistat minn Joe Mikallef f'In-Nazzjon dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.
14 ta' Lulju 2009 – Sergio Grech intervistat minn Monica Attard fuq Radio 101 dwar diversi ħidmiet tal-KNK.
14 ta' Lulju 2009 – It-Tieni powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar jidher f'www.intragov.mt.
14 ta' Lulju 2009 – It-Tieni powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar jidher f'www.manicmalta.com.
14 ta' Lulju 2009 – Tagħrif dwar il-Konkors Letteratura għaż-Żgħażagħ jidher f'www.servizzi.gov.mt.
15 ta' Lulju 2009 – Tagħrif dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb f'www.di-ve.com.
15 ta' Lulju 2009 – Tagħrif dwar il-Premju Nazzjonali tal-ktieb f'www.letteraturamaltija.com.
16 ta' Lulju 2009 – Trevor Zahra jsemmi l-kampanja tas-sajf Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar fuq l-RTK fil-programm ta' Sonya Young.
17 ta' Lulju 2009 – Trevor Zahra jsemmi l-kampanja tas-sajf fuq TVM fil-programm ta' John Bundy.
17 ta' Lulju 2009 – Tagħrif dwar il-Konkors Letteratura għaż-Żgħażagħ jidher f'www.timesofmalta.com.
17 ta' Lulju 2009 – Tagħrif dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb f'www.maltavoice.com.
17 ta' Lulju 2009 – Tagħrif dwar il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb f'www.um.edu.mt.
19 ta' Lulju 2009 – Illum tippubblika l-ewwel powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar.
19 ta' Lulju 2009 – The Malta Independent on Sunday tippubblika t-tieni powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar.
19 ta' Lulju 2009 – It-Torċa tfaħħar il-kampanjaĦu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar.
19 ta' Lulju 2009 – Tagħrif dwar il-Premju Nazzjonali tal-ktieb f'The Sunday Times.
19 ta' Lulju 2009 – Tagħrif dwar il-Premju Nazzjonali tal-ktieb f'Illum.
20 ta' Lulju 2009 – Sergio Grech intervistat fuq Calypso TV minn Twannie Scerri u Eleanor Cassar dwar dibersi ħidmiet tal-KNK.
21 ta' Lulju 2009 – Tagħrif dwar il-Premju Nazzjonali tal-ktieb f'www.maltarightnow.com.
22 ta' Lulju 2009 – Sergio Grech intervistat minn Maria Camilleri fuq Radju Hompech dwar il-kampanjaĦu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar.
22 ta' Lulju 2009 – Ippubblikat it-tielet powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar.
22 ta' Lulju 2009 – It-tielet powster Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar jitla' fl-intranet.gov.mt.
23 ta' Lulju 2009 – Laqgħa ma' Joe Mizzi tal-Klabb Kotba Maltin dwar Liġi għall-Ktieb Malti.
24 ta' Lulju 2009 – Laqgħa ma' Dr Chris Gruppetta tal-Merlin Library dwar Liġi għall-Ktieb Malti.

# Reġistru tal-Kotba fis-Suq fil-Websajt tal-KNK

Fil-websajt tal-KNK, illum hemm il-possibilità biex dak li jkun ikun jaf x'kotba Maltin, b'kull lingwa, hawn fis-suq tagħna għall-bejgħ. Dil-ġimgħa stess sar l-aħħar aġġornament u b'hekk issa fis-sit hemm 2005 ktieb.

Din il-lista tiġi aġġornata mill-informazzjoni li jibagħtulna l-pubblikaturi u minn tagħrif li jinġabar mill-gazzetti u għejun oħra bħal websajts.

# Websajt tal-KNK

Il-websajt tal-KNK ġiet inkluża f'dawn it-taqsimiet tal-websajt tal-gvern, www.gov.mt.

http://www.gov.mt/servicecluster.asp?s=42&l=2
http://www.gov.mt/servicecluster.asp?s=42&l=2#227
http://www.gov.mt/servicecluster.asp?s=54&l=2#262
http://www.gov.mt/servicecluster.asp?s=48&l=2

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb irodd il-ħajr lis-Sur Martin Bugelli, Direttur tal-Informazzjoni, għall-għajnuna tiegħu f'dan ir-rigward.

# Liġi għall-Ktieb Malti

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kompla bil-ħidma tiegħu biex tiġi ffinalizzata proposta għal Liġi għall-Ktieb Malti.

Bħalissa għaddejjin numru ta' laqgħat mal-pubblikaturi dwar dan.

Il-pubblikaturi ma jistgħux jitħallew barra minn liġi bħal din għax fl-aħħar mill-aħħar huma jipprovdu l-kotba.

Fil-liġi proposta se jkun hemm ukoll parti wkoll li tħares id-drittijiet tal-kittieba.

# Poeżija għall-Prim Ministru

Din is-sena l-Prim Ministru, Dr. Lawrence Gonzi, ġie mogħti mill-istaff tiegħu f'Kastilja poeżija miktuba minn Louis Briffa bħala rigal f'għeluq sninu.

Nifirħu, bħala Kunsill, li l-kultura tal-kitba qiegħda ssib postha anke f'imkejjen li soltu ma kinux jitwaħħdu magħha.

# Kampanja Għas-Sajf

Dan is-sajf ukoll il-KNK kompla għaddej b'ritmu tajjeb ħafna bil-kampanja tiegħu għas-sajf Ħu Ktieb Miegħek Ħdejn il-Baħar li sabet ħafna appoġġ mill-istampa lokali. Sakemm qed joħroġ dan il-folju, ħriġna tliet powsters. Dis-sena l-powsters inħadmu fil-forma ta' kartun. Il-kartuns ġew iddisinjati minn Marisa Attard, Ġorġ Mallia u Trevor Żahra, u l-produzzjoni hi tal-president tal-KNK stess, Ġorġ Mallia. Saru wkoll diversi intervisti dwar il-validità ta' kampanja bħal din.

# Tislima lil Joe Bonnici

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jixtieq isellem lil Joe Bonnici li ħalliena ftit tal-jiem ilu. Is-Sur Bonnici ħafna jafuh għas-servizz li ta lill-Biblijoteka Nazzjonali. Qatta' wkoll għadd ta' snin jaħdem fil-Librerija Pubblika Ċentrali.




Bonnici, flimkien ma' Michael Cassar, ħareġ diversi pubblikazzjonijiet, fosthom *The Malta Buses, The Royal Opera House, Malta and Gozo Then and Now, A Century of the Royal Navy at Malta u A Chronicle of the Twentieth Century Malta.*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jixtieq iwassal il-kondoljanzi tiegħu lill-familjari tiegħu.

Il-ħidma li Joe għamel favur il-kotba f'pajjiżna, kemm bħala librar, kif ukoll bħala kittieb, żgur mhix se tintesa.

Editur: Sergio Grech - Disinn: Ġorġ Mallia